MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PHILIP MANDUCA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 501/2003

**Andrew Costa**

**Vs**

**Elbros Construction Limited, Leslie Moxon u John Galdes**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ Lm100.00c (mitt lira Maltin) rappresentanti danni kkagunati meta fil-31 t’Ottubru, 2002 filwaqt illi Conrad Costa kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Isuzu numru ta’ registrazzjoni JAN 848 gewwa triq Santu Wistin, San Giljan, propjeta’ tal-attur, gew ikkawzati danni lill-istess vettura minn bajla, propjeta’ tas-socjeta’ konvenuta Elbros Construction Ltd u manuvrata minn John Galdes u Leslie Moxon.

Illi dan l-incident sehh minhabba negligenza u nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti da parti tal-konvenuti.

Illi nonostante interpellati, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Dicembru, 2002 il-konvenuti baqghu nadempjenti minghajr raguni valida fil-ligi u ghalhekkk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------